MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 992/1997/1

Manuel Rizzo
vs
Chairman Bank of Valletta Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1989 u l-1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li gie trasferit u mcahhad minn promozzjonijiet u opportunitajiet ghall-avvanz fil-karriera tieghu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor illi r-rikorrent dahal jahdem mal-Bank of Valletta Limited f'Lulju ta' l-1976 bhala Clerk 1. Illi fl-1987 mal-bidla tal-Gvern, ir-rikorrent li kien jokkupa l-kariga ta' Supervisor II, kien gie trasferit mill-Branch ta' Hal Luqa ghall-Branch ta' Lascaris, il-Belt. Hawnhekk ir-rikorrent gie moghti xoghol ta' Branch

Manager. Illi dan it-trasferiment inghata minghajr ebda raguni valida.

Illi fl-1989 ir-rikorrent rega' gie trasferit ghall-Branch ta' Triq ir-Repubblika l-Belt. Hawnhekk ir-rikorrent ghamel zmien ma jaghmel l-ebda xoghol u dan minhabba li ma kienx hemm xoghol ghalih. Minn hawn ir-rikorrent rega' gie trasferit ghall-Branch ta' Hal-Qormi fejn dam xi xahrejn. Minn Hal-Qormi r-rikorrent rega' gie trasferit ghal San Pawl il-Bahar minn fejn wara tlett xhur rega' gie trasferti ghall-branch tal-Hamrun. Illi minhabba dawn it-trasferimenti xejn sensibbli r-rikorrent beda jsofri minn dipressjoni.

Wara dan il-perjodu r-rikorrent gie msejjah mill-Personnel u wara li ra sewwa l-kaz tar-rikorrent huwa kien intbaghat fil-Branch tas-Siggiewi fejn ir-rikorrent ghadu sal-lum.

Illi r-rikorrent kien ukoll tul dan iz-zmien u cioe' fl-1992 u l-1995 mcahhad mill-promozzjoni ghall-grad ta' Manager 1. Illi r-rikorrent ukoll ingustament milli jaghmel tahrig sponsorjat ghall-bejgh ta' servizzi bankarji u anke tahrig iehor fuq l-Insurance. Illi minhabba f'dawn ir-ragunijiet ir-rikorrent hass li saret ingustizzja mieghu u dan minhabba t-twemmin politiku tieghu u b'hekk ukoll gie mtellef mill-opportunita` biex javvanza fil-karriera tieghu, u b'hekk sofra danni morali u finanzjarji.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib qudiem dan it-Tribunal biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda kollha kif indikati fir-rikors.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi r-rikorrent jigi kumpensat ghal dak kollu li huwa sofra billi jinghata l-promozzjonijiet li huwa gie mtellef ingustament b'lura mid-dati li kien jikkwalifika ghalihom, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas ammont f'kumpens ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-intimat li eccepixxa:

Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi mhux minnu li r-rikorrent gie trasferit b'mod kapriccuz u vendikattiv izda in linea mal-kundizzjonijiet minnu assunti fl-ingagg tieghu mal-Bank u skond l-esigenzi tal-mument u wisq aktar illi huwa gie mcahhad minn xi promozzjoni minhabba l-kulur politiku tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

PROVI:
Ir-rikorrent ikkonferma l-fatti kollha msemmija fir-rikors. In kontro-ezami qal li l-grad tieghu mal-Bank illum hu ta' Manager B, u dahal mal-Bank fl-1976. Semma li l-ilment tieghu hu li ma hax il-grad ta' Manager I. Qal li l-grad ta' Assistant Manager kien qed jigi abolit, u kien jaf anke bil-ftehim li kien hemm bejn il-Bank u l-General Workers' Union biex kien hemm ratio ta' 40% kellhom ikunu minn Supervisor II u 60% minn Assistant Managers. Qal li hu rrefera ghal cirkulari 28/95 a fol 21, u ghal cirkulari 27/92 a fol 25. Semma wkoll li l-kwalifiki tieghu fl-1995 kienu 'O' Levels u 'A' Levels li kien dahal bihom il-Bank u ma kellux kwalifiki tal-ACIB. Qal ukoll li skond il-collective agreement meta tapplika ghal sponsorship hi fid-diskrezzjoni tal-Bank jaghtihx jew le. Esebixxa cirkolari a fol 37 u l-applikazzjoni tieghu personali fir-rigward ta' din a fol 38 u 39. Ipprezenta r-risposta mill-Bank a fol 40 u ittra mitluba mill-Union ghaliex it-talba tieghu ma gietx

milqugha, u r-risposta mill-Bank lis-Sur Cassar ghall-Union a fol 43.

Xehed Karmenu Vella li kien jahdem il-Bank of Valletta, u meta kien hemm kien Shop Steward jirraprezenta l-General Workers' Union li qal jiftakar lir-rikorrent impjegat mal-Bank. Semma li r-rikorrent kien ressaq ilment lilu u wara ressaqha mal-General Workers' Union u jekk ikun gustifikat titressaq lill-Management tal-Bank. Qal li kellhom diversi ilmenti personali rigward is-Sur Rizzo li jirrigwardaw it-transfers li bdew fl-1987 meta Rizzo kien Supervisor II mill-Branch ta' Hal-Luqa gie trasferit ghall-branch ta' Lascaris Wharf. Semma li meta baghtuh hemm inghata l-inkarigu ta' Branch Manager meta hu ma kienx ta' dak il-grad. Zied ighid li fl-1989 is-Sur Rizzo ntbaghat Republic Street u hemm ma kienx hemm post fejn jippustjawh u fil-fatt wara xi xahrejn gie trasferit ghal Hal-Qormi, u wara ftit taz-zmien rega' ntbaghat San Pawl il-Bahar. Kompla jghid li wara hemmhekk ir-rikorrent kien rega' rcieva trasferiment ghall-Hamrun. Qal li hu kien irrefera dan il-kaz flimkien ma' kazijiet ohra lill-Bank u talab spjegazzjoni peress li lir-rikorrent kienet qed taffetwah anke f'rigward ta' sahha.

Kompla jghid li wara iktar laqghat mal-Bank Rizzo fl-ahhar kien intbaghat fil-Branch tas-Siggiewi fejn hemm kien assuma responsabbiltajiet ta' Branch Manager. Semma li fir-rigward ta' cirkulari esebita a fol 25 ir-rikorrent kien ilmenta wkoll li ma hax din il-promozzjoni. Zied jghid li mhux kull min iressaq ilment dwar promozzjoni l-Union tqis li jkun ilment gustifikat. Spjega li l-Union ezaminat il-kaz tar-rikorrent skond kriterji mnizzlin fil-ftehim kollettiv u ikkonkludew li r-rikorrent kellu l-kriterji kollha izda minkejja r-rapprezentazzjonijiet tal-Union mal-Management tal-Bank, hu baqa' ma hax il-promozzjoni. Qal li fl-1995 kien regghu hargu l-applikazzjonijiet ghall-promozzjonijiet u rega' ma hadhiex. Fir-rigward tal-promozzjonijiet tal-1992 qal li kien hemm min kien iggradwat u kien hemm min mhux, izda min-naha tal-Union ikkomparaw il-kaz tar-rikorrent ma' Maurice Callus u ma' Emily Grech u sabu li r-rikorrent kellu iktar kriterji minn dawn iz-zewg persuni.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph V. Gatt li fih semma li jokkupa l-kariga ta' General Manager (Strategy) fil-Bank of Valleta p.l.c. u parti mir-responsabbilitajiet li jaqghu tahtu huma r-Rizorsi Umani tal-Bank kollu. Spjega li ezercizzju ta' promozzjonijiet ghall-grad partikolari jigi stigat principalment ghaliex u meta tinhass il-htiega li jimtlew postijiet vakanti f'dak il-grad. Dawn il-postijiet vakanti gew ikkrejati normalment minhabba jew ghaliex ikunu rtiraw jew irrizenja xi ufficjali f'xi grad jew gradi u allura jkunu jridu jimtlew il-postijiet vakanti li jkun hallew jew minhabba l-espansjoni tal-operazzjonijiet tal-Bank. Qal li minn Mejju 1987 'l hawn il-Bank zied madwar 500 impjegat fil-gradi white collar. Meta jkunu se jimtlew numru ta' vakanzi jitwaqqaf promotions board. Dan il-Bord ikollu l-inkarigu li jwettaq l-ezercizzju mill-bidu sat-tmiem u wara li jkun lestieh iressaq ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank sabiex dan il-Kumitat japprova n-numru ta' promozzjonijiet mehtiega skond il-gradwatorja (order of merit) pprezentata lilu mill-Promotions Board. Il-Promotions Boards generalment ikunu komposti minn ufficjali gholja tal-bank, li jistghu jinkludu c-Chairman, General Managers, Assistant General Managers u jew Senior Managers. Normalment aktar ma' l-ezercizzju jkun ghall-promozzjonijiet ghall-gradi gholja aktar il-Promotions Board ikun kompost minn ufficjali gholja. Zied ighid li ma tesizti l-ebda regola miktuba dwar kif ghandhom ikunu komposti il-Promotions Boards. Il-Bank, imma, generalment dejjem mexa fuq dan il-principju.

Kull Promotions Board huwa marbut illi jevalwa u jassessja l-kandidati li jkunu eligibbli ghal dak l-esercizzju partikolari skond il-kriterji stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv. Il-klawsola fil-Ftehim Kollettiv tghid: ***"When effecting promotions, the Bank shall be guided by aptitude, experience, merit, qualifications and seniority, not necessarily in that order"*** u dan ghal ragunijiet ovvji ghax per ezempju Experience u Merit f'kaz ta' ezercizzju ta' promozzjonijiet ghal gradi ghojin bhal dawk ta' Senior Manager u aktar 'l fuq, il-weighting li tinghata ghalihom tkun aktar minn dik moghtija ghall-Qualifications. Minn naha l-ohra l-kriterju tal-qualifications jinghata weighting

aktar gholi f' ezercizzju ta' promozzjonijiet ghal gradi t'isfel e.g. Signatory B u Signatory A.

F'kull ezercizzju allura, wara li l-membri tal-promotions Board jilhqu ftehim bejniethom dwar kif ghandhom ikunu l-weightings ghal kull wiehed mill-hames kriterji msemmija fil-Ftehim Kollettiv, kull membru tal-board separatament jifli l-personal files ta' kull kandidat u jaghti l-marka tieghu ghal kull wahda mill-kriterji. Il-marki ghall-Merit, Aptitude u Experience iridu johorgu mill-Personal File, fejn wiehed jara l-Annual Performance Appraisals, kif ukoll minn informazzjoni ohra li l-Promotions Board jista' jkollu fuq il-kandidat. Dawk ghall-qualifications u Seniority ikunu diga gew miftiehma u maqbula qabel mill-membri tal-Promotions Board, ghaliex fuq dawn naturalment m'hemm l-ebda suggettivita`.

Ghalkemm m'huwiex marbut il-Bank jista' jiddeciedi li f'xi ezercizzji partikolari ta' promozzjonijiet jaghmel ukoll Interview. Generalment dawn ikunu f'kazi ta' promozzjonijiet ghall-gradi t'isfel. L-Interview iservi sabiex jghin aktar lill-membri tal-promotions board li jsiru jafu aktar lill-kandidati mill-vicin, mentri fil-kaz ta' promozzjonijiet ghall-gradi ghojin dan ma jkunx hemm bzonnu ghaliex peress li l-kandidati jkollhom hafna snin servizz, normalment l-membri tal-Board ikunu jafuhom bizzejjed u ma jkunx hemm bzonn ukoll tal-Interview. Ghalhekk meta ssir l-Interview, tigi allokata wkoll marka ghaliha, bhala parti mill-100 marka massimu li kull kandidat jista' jinghata minn kull membru tal-Bord.

Wara li kull membru tal-Promotions Board ikun fela u assessja l-Personal Files ta' Kull kandidat u jkun ta l-punteggi tieghu (kif ukoll l-marka ghall-Interview meta din issir), jigu aggregati l-punteggi li kull membru tal-board ikun ta lil kull kandidat u tinhareg l-Order of Merit li minnha jinghataw il-promozzjoni dawk il-kandidati li jidhru fil-lista (Skond l-order of Merit) skond in-numru li jigi deciz finalment mill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank.

In-numru ta' dawk li jigu promossi f'kull ezercizzju jkun dejjem relattivament zghir meta mqabbel man-numru totali

ta' kandidati li kienu eligibbli ghaliex in-numru tal-impjegati tal-Bank huwa konsiderevolment qawwi u ghalhekk anke f'kull grad wiehed isib numru konsiderevoli ta' impjegati. Fil-Bank tezisti gerarkija ta' gradi li tiehu l-forma ta' piramida jigifieri aktar ma titla 'l fuq aktar ikunu ftit il-postijiet vakanti. Is-sistema prezenti ta' kif jinghataw il-promozzjonijiet fil-Bank ma kenitx hekk minn dejjem imma evolviet matul is-snin u dan proprju sabiex issir dejjem aktar trasparenti. Fil-fatt kien f'Marzu tal-1992 li ghall-ewwel darba l-bank kien beda jadotta sistema gdida li johrog sejha ghall-applikazzjonijiet meta jkun ser isir ezercizzju ta' promozzjonijiet u mbaghad wara jsiru l-interviews.

Rigward il-promozzjonijiet ta' l-20 ta' Lulju 1987 (Personnel Circulars Nos. 38/87 & 39/87), il-Bord tad-Diretturi meta approva dawn il-promozzjonijiet kien iddikjara: ***'The purpose of the promotions was to rectify the grave injustices suffered in the past by the individuals in question, insofar as promotions were concerned.'***

Minn xi sitt snin 'l hawn, il-Bank beda wkoll jadotta sistema ta' Counselling Interviews, jigifieri kull impjegat li ma jkunx gie moghti promozzjoni jekk irid jista' jitlob li jiltaqa' ma' ufficjal gholja tal-Bank sabiex jiddiskuti kif ikun mar f'dak l-ezercizzju. Dawn il-Counselling Interviews intlaqghu tajjeb hafna ghaliex l-impjegat ikun jista' jaghraf f'liema kriterju jew kriterji huwa jkun mar l-aktar hazin u allura jkollu l-opportunita` sabiex jahdem sabiex itejjeb il-performance tieghu u b'hekk itejjeb konsiderevolment ic-cansijiet tieghu ghal ezercizzju ta' promozzjoni sussegwenti. Fuq talba tal-Unions il-Bank qieghed ukoll jinghata t-total ta' marki lil jkun gab l-anqas wiehed minn dawk li jkunu gew promossi u b'hekk l-impjegat ikun ukoll jista' jaghmel il-benchmarking u jara kemm kien il-boghod milli jiehu l-promozzjoni. Spicca biex jghid li l-Bank dejjem mexa mal-Ftehim Kollettiv.

In kontro ezami qal li jiftakar li kien hemm xi problema li kellu r-rikorrent meta kien Lascaris Wharf u hu ma eskludiex li minkejja li r-rikorrent kien Supervisor II, kien

seta' tqabbad jaghmel xi xoghol ta' Managerial Grade. Ftakar ukoll li ghall-habta tal-1995 fil-branch tas-Siggiewi John Schembri kien waqaf jaghti l-kontribut tieghu u meta qamet din il-problema r-rikorrent kien ta kontribut tajjeb hafna.

Xehed Alfred Pace li esebixxa dokument a fol 62 li huma l-marki li gab ir-rikorrent fl-1992 u fl-1995. Ipprezenta dokument a fol 63 li hu l-order of merit finali ta' dak l-ezercizzju tal-1992 minn Supervisor II ghal Manager I. Ipprezenta wkoll l-applikazzjoni ghall-promozzjonijiet tal-1992 a fol 65. Esebixxa lista a fol 66 li habbret il-lista tal-promozzjonijiet fl-1993. Ipprezenta wkoll memo u rizoluzzjoni tal-Executive Committee a fol 69 u 70 u fl-ahharnett esebixxa dokument a fol 73 li hu r-rapport tal-interviewing board. Qal li minn dokument a fol 78 u 79 jidhru l-marki totali li nghataw lill-kandidati mill-bord tal-ghazla u a fol 80 hemm l-applikazzjoni tal-1995. Esebixxa r-rapport tal-Bord tal-1995 a fol 81 flimkien mar-rizoluzzjoni tal-Executive Committee a fol 83. Zied ighid li fir-rigward ta' kull ezercizzju ta' promozzjonijiet il-marka ghas-seniority tinghata ghal "seniority in the grade", hekk kif hemm stipulat fil-collective agreement jigifieri jghodd kemm ikun ilu f'dak il-grad il-kandidat. Fir-rigward ta' dokument a fol 62 qal li John Galea gab l-istess punteggi ghal seniority bhar-rikorrent.

Fir-rigward ta' Emily Grech qal li kienet deployed il-personnel fl-1992 u wara marret ic-Chairman's Office. Fir-rigward ta' John Galea li gie impjegat fis-16 ta' Mejju 1977 esebixxa dokument a fol 93 fejn hemm imnizzlin dettalji mitlubin mir-rikorrent, dwar dawn il-persuni. Semma li fil-fatt anke fir-rigward ta' dawn in-nies jidher li kienu nghataw diversi postings mal-Bank u kienu gew imcaqalqa f'diversi postijiet. Esebixxa wkoll minn fol 95 'il quddiem l-appraisal reports ta' Maurice Callus u ta' Emily Grech tal-1990 u l-1991, fejn qal li rrizulta li Callus u Grech kellhom 40 , very good u r-rikorrent kellu 38 f'dawn ir-rapporti. Fl-ahhar esebixxa dokument a fol 102 fejn jidhru r-ragunijiet ghaliex it-talba tar-rikorrent biex jigi sponsorjat ghal course ma ntlaqghetx.

Xehed Rene` Formosa li qal hu kien fil-bord tal-ghazla fil-promozzjonijiet tal-1992 minn Supervisor II ghal Manager I. Qal li huma bbazaw l-assessments taghhom fuq il-kriterji, kwalifiki, seniority, aptitude, merit u esperjenza u fir-rigward tal-intervista. Qal li kull membru fil-bord kien jaghti l-marki u wara jinghaddew flimkien. Qal li r-rikorrent gie assessjat b'mod fair bhal kandidati l-ohra kollha. Semma wkoll li riedu anke jaraw il-files tal-kandidati u l-ezercizzju ha l-hin u fil-fatt semma li fl-1992 kien sar ezercizzju aktar trasparenti minn ta' qabel ghax kienet saret intervista u kien hemm il-kriterji stabbiliti u kollox kien car.

**KONKLUZJONIJIET:**
L-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq:
A] Nuqqas ta' promozzjoni ghal Manager fl-1992;
B] Nuqqas ta' promozzjoni ghal Manager fl-1995;
C] Li l-bank ma sponsorjax lir-rikorrent ghal servizzi bankarji;
D] Transfers ingusti.

***A] Nuqqas ta' promozzjoni ghal Manager fl-1992*** b'effett mill-1 ta' Novembru, 1992 **-** Ir-rikorrent applika ghall-promozzjoni ghal grad ta' Manager diversi drabi. Hu ilu joppupa mill-1987 il-grad ta' Supervisor II / A. Ma hemmx dubju li r-rikorrent hu bniedem kapaci u gie hekk deskritt minn diversi persuni. Irrizulta wkoll li qabel 1987 kellu promozzjonijiet moghtija lilu mhux skond is-seniority.

Dwar promozzjonijiet it-Tribunal dejjem zamm il-principju li stqarr fis-sentenza tal-kawza flismijiet "Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta" deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998. Hemm qal:
"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi

ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni).” [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Fl-ezercizzju tal-1992, kien hemm 131 kandidat li applikaw ghal Manager 1, u l-Bord kien applika l-hames kriterji fil-ftehim kollettiv. Fl-ahhar, inghataw 45 promozzjoni ghal Manager 1, 27 minnhom kienu mill-grad ta’ Assistant Manager u 18 mill-grad ta’ Supervisor 2 u dan ghax kien hemm il-ftehim stipulat li kellhom isiru 60% mill-grad ta’ Assistant Manager u 40% mill-grad ta’ Supervisor 2, sakemm kellu jispicca gradwalment il-grad ta’ Assistant Manager. Il-Bord kien kompost minn tlitt General Managers, Deputy General Manager, u Assistant General Manager. Hdax mit-18 li saru minn Supervisor II, kienu kwalifikati b’Diploma jew Degree. Ir-rikorrent ma kellu ebda kwalifika.

F’dawn il-promozzjonijiet skond l-iskeda esibita a fol 74 tal-process l-marki allokati kienu fuq il-bazi ta’

| | | | |
|---|---|---|---|
| Seniority | 50 | - | 10% |
| Kwalifiki | 75 | - | 15% |
| Merit | 150 | - | 30% |
| Aptitude | 75 | - | 15% |
| Experience | 100 | - | 20% |
| Interview | 50 | - | 10% |

Minghajr ebda ezitazzjoni t-Tribunal jghid li l-allokazzjoni ma tghogbux u hi totalment diskrezzjonali b’mod li minn jintghogob mill-Bord isir. Kriterji oggettivi hemm biss Seniority u Kwalifiki ghax l-ohrajn kollha moghtija l-marka allokata li jidhirlu l-Bord. Ghalhekk 75% tal-marki huma suggettivi. Mhux hekk biss ghal kariga gholja ta’ Manager ghal kwalifiki inghataw 15% biss u ghall-interview wahdu 10%.

Hawnhekk il-marki allokati lir-rikorrent, Emily Grech, u Maurice Callus kienu hekk:

| Chart A | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | | | |
| | **Seniority** | | **Kwalifiki** | | **Merit** | | **Aptitude** | | **Experience** | | **Interview** | | **Total** |
| Allokati | 50 | | 75 | | 150 | | 75 | | 100 | | 50 | | |
| % | 10 | | 15 | | 30 | | 15 | | 20 | | 10 | | 100 |
| Rikorrent | 46 | | 0 | | 96 | | 51 | | 57 | | 24 | | 274 |
| Grech | 30 | | 0 | | 112 | | 62 | | 73 | | 37 | | 314 |
| Callus | 40 | | 0 | | 123 | | 60 | | 63 | | 36 | | 322 |

WieWiehed jinnota li ghalkemm Seniority tar-rikorrent kienet superjuri anke f'experience gie allokat marki anqas minn Grech u Callus. Fil-fehma tat-Tribunal l-allokazzjoni tal-marki trid tinbidel jekk trid tkun gusta. L-ewwel nett il-kriterju tas-seniority trid talloka 25% tal-marki u dik tal-kwalifiki ghal grad ta' manager ghandu jkollha 35% u b'hekk il-kriterji oggettivi jkollhom ghall-anqas 60% tal-marki. L-erba' kriterji l-ohra tal-marki u cioe` Merit, Aptitude, Experience u Interview jinghataw 10% kull wahda u dan biex ma jkunx hemm kambjamenti kbar hafna. Fl-ahhar jekk ikun hemm differenzi zghar u vicini ikun obbligu tat-Tribunal biex jezamina l-fattispecji tal-kaz jimmeritawx xi kambjamenti zghar.

Meta wiehed japplika l-principji msemmija hawn fuq ir-rizultat ikun:

| Chart B | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | | | |
| | **Seniority** | | **Kwalifiki** | | **Merit** | | **Aptitude** | | **Experience** | | **Interview** | | **Total** |
| Allokati | 50 | | 75 | | 150 | | 75 | | 100 | | 50 | | |
| % | 10 | | 15 | | 30 | | 15 | | 20 | | 10 | | 100 |
| Rikor | 46 | 11 | 0 | 0 | 96 | 32 | 51 | 34 | 57 | 28. | 24 | 24 | 274 |

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| rent | | 5 | | | | | | | | 5 | | | |
| Grech | 30 | 75 | 0 | 0 | 112 | 37.3 | 62 | 41.3 | 73 | 36.5 | 37 | 37 | 314 |
| Callus | 40 | 100 | 0 | 0 | 123 | 41 | 60 | 40 | 63 | 31.5 | 36 | 36 | 322 |

Illi ghalhekk meta wiehed juza l-allokazzjoni ta’ marki li giet moghtija mill-persuni li ghamlu l-intervista izda b’ apporzjonament differenti minn dak li ghamlu huma u cioe` billi giet moghtija aktar importanza lill-kriterji oggettivi ta’ seniority (25%) u kwalifiki (35%) li fil-fehma tat-Tribunal hija ferm aktar gusta u mhux daqshekk diskrezzjonali jirrizulta li r-rikorrent kien jikkwalifika ghall-promozzjoni li dwarha ilmenta u cioe` ta’ Manager I.

Ghalhekk ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat dwar il-promozzjoni tal-1992.

***B] Nuqqas ta’ promozzjoni ghal Manager fl-1995 –*** Stante li intlaqghat it-talba tar-rikorrent taht A] ma hux il-kaz li jigi ezaminat dan l-aspett.

***C] Li l-bank ma sponsorjax lir-rikorrent ghal servizzi bankarji –*** Hawn tezisti l-problema tal-kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae.*** Infatti dak li qieghed jitlob ir-rikorrent u cioe` Sponsorship ghal courses ghal servizzi bankarji ma jissemmix fil-Kap 394 Art 6. It-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qal fil-kawza fl-ismijiet “Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza fl-14 ta’ Dicembru, 1999 u ghall-istess motivi hemm imsemmija tichad din it-talba.

***D] Transfers ingusti -*** Fil-kawza “Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et” deciza fit-23 ta’ Marzu, 1999 it-Tribunal qal:
“Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma’ dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista’ jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f’dan ir-rigward, izda f’dan

is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Issa fil-kaz in ezami rrizulta li r-rikorrent kien gie trasferit diversi drabi mill-Branch ta' Hal-Luqa ghall-Branch ta' Lascaris, ghall-Branch ta' Triq ir-Repubblika (fejn anqas biss kien hemm xoghol ghalih), ghall-Branch ta' Hal-Qormi, ghall-Branch ta' San Pawl il-Bahar, ghall-Branch tal-Hamrun. It-Tribunal isib li dawn it-trasferimenti kollha certament ma jistghux jiggustifikaw xi ezigenzi tas-servizz u ghalhekk isib it-talba tar-rikorrent taht dan l-aspett ukoll gustifikata.

Ghalhekk jilqa' t-talba tar-rikorrent dwar il-promozzjoni tal-1992 minhabba li gustifikata u jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Manager I b'effett mill-1992 mill-istess data li nghatat lill-persuni l-ohra u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra, u li jithallas bhala kumpens tat-transfers ingusti s-somma ta' Lm1000. Jichad it-talba dwar nuqqas ta' sponsorship ghall-korsijiet bankarji.

Spejjez kontra l-intimat nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------